TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 517/11/GB

**Mark u Geraldine Meilaq**

**vs**

**Connie Gauci De Brincat**

Illum 31 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-6 ta' Dicembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifuzjoni ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600.00), rapprezentanti l-prezz li huma hallsu ghal qattus li nxtara minghand l-intimata, liema qattus kellu kondizzjoni medika.

L-intimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata ta' l-intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi:-**

F'Awissu 2010, kienu xtraw qattus minghand l-intimata. Dan il-qattus kellu ftit ponot suwed fuq geddumu, li skond l-intimata, ma kienu xejn jekk inaddfulu wiccu spiss. Ghalkemm ir-rikorrenti kienu jaghmlu ezatt kif qaltilhom l-intimata, il-problema kompliet tigber. Meta r-rikorrenti hadu l-qattus ghand il-veterinarju, huwa qalilhom li l-qattus kien qed ibaghti minn allergija kbira u li din kienet xi haga kronika, u mhux sempliciment kosmetika, kif kienet qaltilhom l-intimata.

Ir-rikorrenti jhossu li l-intimata ma kenitx leali lejhom u li dahqet bihom. Ghaldaqstant, ir-rikorrenti qed jitolbu l-flus lura tal-qattus, u cioe' erbgha mitt Ewro (€400.00), u l-ispejjez li jammontaw ghal elf u mitejn Ewro (€1,200.00). dan il-qattus ghandu bzonn kura ghal ghomru.

**L-intimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

It-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante:

1. Il-qattus mertu tal-kawza ma kellu l-ebda mard kif deskritt mir-rikorrenti fit-talbiet taghhom, meta nxtara minghand l-intimata f'Awissu 2010, u cioe' madwar sentejn ilu;

2. Illi l-intimata kienet hadet lill-qattus ghand veterinarju qabel ma gie mibjugh lir-rikorrenti, sabiex il-qattus jigi ezaminat u jiehu l-ingezzjonijiet necessarji ghal prevenzjoni ta' mard;

3. Ma hemm l-ebda prova li meta nxtara l-qattus dan kellu xi marda li llum isofri minnu;

4. Tant li l-qattus kien f'qaghda taba, li r-rikorrenti taw il-qattus taghhom ghal photo shoot tal-kumpanija tal-hwejjeg 'French Connection'.

Salv eccezzjonijiet ohra.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, huma regghu kkonfermaw il-verzjoni taghhom bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebew dokumenti relattivi li gew immarkati bhala Dok.MM sa Dok.MM7.

Xehed Glen Vella, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr illi hu habib tal-familja u li kienu marru tliet koppji li thajjru jixtru qattus minghand l-intimata. Skond ix-xhud, minbarra li ma ma kontx tara wiccu, dan l-istess qattus jidher li huwa mghaxxex.

Xehed Dr Adrian Vella, veterinarju, prodott mir-rikorrenti, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr li l-ewwel darba li r-rikorrenti kienu marru l-klinika tieghu bil-qattus, dan kellu infezzjoni f'geddumu. Inghata t-trattament. Kien hemm xi improvement. Gew eskluzi kawzi kontrollabli bhal ma huma insetti u ikel. Din m'hijiex kondizzjoni genetika. Din il-kondizzjoni tizviluppa biz-zmien. Li tfejjaqha ghal dejjem, le ma tistax, pero' wiehed jista' jikkontrollaha biex taghti hajja ahjar lill-qattus. Xehed ukoll li l-qattus ghadu taht il-kura tieghu sa llum.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarr li l-ewwel darba li ra l-qattus kien fl-2011. Il-qattus ma twelidx bl-effetti tal-allergija, pero' twieled li fil-code bijologiku tieghu, din eventwalment ha tohrog reazzjoni abnormali ghal xi haga li normalment il-gisem ma jireagixxix ghaliha. Xehed illi kien ra l-qattus ta' xahrejn fejn sab li kellu reazzjoni fil-gilda. Statistikament hemm l-etajiet fejn generalment tohrog, li huma mill-ewwel sena sa ghaxar snin. Il-kondizzjoni li ghandu l-qattus hija reazzjoni ghal fatturi ambjentali. M'hijiex contact allergy. Il-kondizzjoni tal-lesions kienet fil-bidu taghha meta rajtu l-ewwel darba l-qattus. Wiehed jinduna bil-kondizzjoni meta johorgu l-lesions. Irid ikun hemm il-lesions evidenti biex jibda l-process.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi fix-xhieda guramentata ta' l-intimata hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

L-intimata ezebiet dokument, li gie mmarkat bhala Dok.CGDB1.

Xehed Chris Gauci, prodott mill-intimata, fejn fix-xhieda guramentata tieghu huwa stqarr li huwa t-tifel ta' l-intimata u li meta hu u l-intimata kienu hadu l-qattus ghall-photoshoot organizzata mill-kumpanija 'French Connection', il-qattus kien normali hafna u ma kellu xejn.

Xehdet Dr Karen Camilleri, veterinarja, prodotta mill-intimata, fejn fix-xhieda guramentata taghha hija stqarret li kienet rat il-qattus in kwistjoni fis-26 ta' Awissu 2010, fejn taghtu l-ewwel vaccination. It-tieni vaccination kienet tathielu ghand ir-rikorrenti fid-dar taghhom, fejn kienet ukoll ezaminat il-qattus.

In kontro-ezami, l-istess xhud stqarret illi la tat il-vaccination lill-qattus, mela sinjal li kien ghadu b'sahhtu, ghaliex ma tistax taghti vaccination fuq qattus meta ghandu xi haga.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jikkumenta fuq il-fatt illi filwaqt li jirrizulta ampjament car mill-provi illi l-intimata ma kenitx u qatt ma setghat tkun konxja tal-kondizzjoni medika li zviluppat fil-qattus wara li nbiegh, dan ma jeskludix il-fatt illi l-kondizzjoni medika li beda jsofri minnu l-qattus, u cioe' 'allergic dermatitis', hija kondizzjoni li l-qattus jitwieled biha *"fil-code bijologiku"* tieghu u li din *"eventwalment ha tohrog reazzjoni abnormali ghal xi haga li normalment il-gisem ma jirreagixxix ghaliha"*. Illi ghalhekk, u nonostante l-fatt illi l-kondizzjoni hija wahda li pprezentat ruhha wara li sar in-negozju, tali kondizzjoni hija wahda li l-qattus twieled bi predispozizzjoni ghaliha. Illi ghal dawn ir-ragunijiet, u b'referenza ghall-fatt illi r-rikorrenti jixtiequ jibqghu fil-pussess tal-qattus in kwistjoni, it-Tribunal qed jilqa' t-talba

tar-rikorrenti in parte, u jordna lill-intimata thallas l-ammont ta' elf u tliet mitt Ewro (€1300.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**